MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 196/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Louise Vella)**
**Vs**

**Peter Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli f'Santa Venera, nhar il-31 ta' Mejju, 2001, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs in-nhar :**
**1) ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Censina Borg, liema offizi ser igibu sfregju gravi w permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-istess martu Censina Borg, skond ma gie ccertifikat minn diversi tobba u dan kollu bi ksur**

**tal-Artikolu 218(1)(b) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**2) talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 9 ta' Marzu, 1998, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 218 tal-Kap. 9, ma sabitx lill-imputat hati w illiberatu mill-istess.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-21 ta' Gunju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib lil Peter Borg hati tal-akkuzi migjuba kontrih, u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata w inkompleta tal-ipotesi tal-ligi, meta, fil-waqt li kkonstatat li l-incident barbaru kien fil-fatt sehh, u l-awtur tieghu kien proprju l-appellat, irriteniet ukoll li peress li l-offizi ma kienux tali li jaqghu taht xi wahda mill-ipotesijiet kontemplati fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali u li l-Avukat Generali, fir-rinviju ghal gudizzju tieghu, ma indikax l-artikolu 216 ta' l-istess Kodici, allura kellha tillibera lill-appellat. Illi ma jikkontestax il-fatt li l-offizi li garrbet Censina Borg kienu gravi fit-termini ta' l-artikolu 216 u mhux fit-termini tal-artikolu 218. Pero' ghalkemm dejjem gie ritenut minn din il-Qorti li l-Qorti tal-Magistrati ma tistax issib htija oltre l-artikoli indikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali, dejjem gie ritenut illi n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 370 (3) tal-Kodici Kriminali ghandha r-rwol simili ghal dak ta' att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Peress ukoll li dejjem gie ritenut li r-regoli msemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali japplikaw ghall-Qrati tal-Gustizzja Kriminali kollha, allura l-Qorti tal-Magistrati dejjem tista' ssib htija ta' xi reat minuri

jew inqas gravi minn dak li l-Prosekuzzjoni tkun akkuzat lill-imputat bih, jekk dan ikun kompriz u involut f' dar ir-reat li jkun jidher fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. Ghalhekk meta l-Ewwel Qorti ma deherilhiex li setghet tinstab htija skond l-artikolu 218 li kien indikat fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, galadarba gie pruvat mill-Prosekuzzjoni li Peter Borg ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq martu, l-Ewwel Qorti ma setghetx tieqaf hemm minghajr ma tezamina jekk kienx hemm reat minuri kompriz u involut fl-imsemmi artikolu. Fil-fatt hekk ghamlet l-Ewwel Qorti u ddecidiet li l-appellat kien fil-fatt hati ta' offiza gravi, izda fit-termini tal-artikolu 216 (Fol.147). Pero' erronjament, stante li dan ir-reat minuri kompriz u involut ma giex imsemmi fir-rinviju ghall-gudizzju ta' l-appellat, il-Qorti tal-Magistrati hasset li ma kellha ebda triq ohra ghajr li tillibera lill-appellat. Invece kellha ssib htija tar-reat kompriz u involut skond l-artikolu 216 kif ukoll tar-recidiva w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Rat ir-Risposta tal-appellat tat-12 t' Awwissu, 2005, fejn intqal li l-appellant ma kienx korrett fir-rikors tal-appell tieghu meta allega li l-Ewwel Qorti kienet qalet li l-appellat kien hati taht l-artikolu 216 , anzi l-Ewwel Qorti qalet li l-ferita li sofriet Censina Borg kienet wahda ta' natura hafifa w allura li la taqa' taht l-artikolu 218 u lanqas taht l-artikolu 216. Ghalhekk dan l-appell ma kellux jintlaqa'.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet lix-xhud Censina Borg u ezaminata mill-vicin *de visu* biex tistabilixxi n-natura tal-offizi kif inhuma llum;**

**Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2005 li bih il-prosekuzzjoni qablet li ma hemmx sfregju permanenti taht l-artikolu 218 tal-Kap.9.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Rat ir-rikors tal-Avukat Generali tad-9 ta’ Novembru, 2005 u d-digriet taghha tal-lum stess li bih cahdet it-talba u ordnat l-isfilz tan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-istess data ghar-ragunijiet hemm indikati.**

**Ikkonsidrat;**

**Li qabel xejn irid jigi precizat x’ qalet ezatt l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata . A fol. 147 tal-process u fil-parti preliminari tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet hekk :-**

“Illi mill-fatti kif espressi jirrizulta b’ mod car li certament Peter Borg hebb, attakka u kkaguna ferita fuq il-persuna tal-mara tieghu Censina Borg.”
***“Illi ghalhekk certament Peter Borg bla ma kellu l-hsieb li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’’ perikolu car kkaguna hsarat fil-gisem jew fis-sahha ta ’ Censina Borg u ghal*** **(Sic!)** ***hu hati ta’ offiza fuq il-persuna taht l-artikolu 214. L-artikolu 215 jistabilixxi jekk tali ferita jew offiza hux*** **(Sic!)** ***wahda gravi jew hafifa.”***

**Umbaghad, wara li ghaddiet in rassenja s-sintesi tad-diversi depozizzjonijiet moghtija mill-esperti medici li xehdu quddiemha, u x’ tghid il-ligi fl-artikolu 218 , l-Ewwel Qorti qalet testwalment hekk :-**

“Illi certament ghal hekk mix-xhieda tat-tobba l-Qorti ma tistax tapplika htija fil-konfront ta’ Peter Borg taht l-artikolu 218 tal-Kap.9 in kwantu hu dan l-uniku artikolu li gie rinvjat lilha , taht liema tista’ ssib htija. Ghalhekk qeghda tilliberah mill-istess.”

**Umbaghadl-Ewwel Qorti kompliet tghid :-**

***“Certament pero’ ma tistax il-Qorti ma tghaddix is-segwenti kumment u tqis l-azzjoni maghmula minn Peter Borg ghax temmen fil-fatt hu hati talli kkaguna offiza fuq martu bhala wahda ghal kollox dispregevoli***

***u l-fatt li hija kostretta tilliberah ai termini ta' l-artikolu 218 ma jfissirx li mhux hati ta' ghemiltu. Anzi zzid li l-ghemil ta' Peter Borg fil-konfront tal-mara tieghu u fil-konfront ta' kwalunkwe terz huwa xejn hlief ghemil ta' bullying li ma jixraqx lill-ebda persuna li qed tghix suppost f' socjeta' civilizzata".*** **(Sic!).**

**Illi ghalhekk hu korrett l-appellat fir-risposta tieghu, bhala fatt meta jghid li proprjament l-Ewwel Qorti qatt ma ddecidiet "ut sic" li Censina Borg sofriet ferita li taqa' taht l-artikoli 216. Kull ma qalet l-Ewwel Qorti u mhux fil-parti tad-decide fuq citata hu li l-appellat ikkaguna offiza fuq martu, bla ma esprimiet ruha jekk din kienetx wahda ta' natura gravi jew ta' natura hafifa. Ghalhekk il-premessa li jaghmel fir-rikors tieghu l-Avukat Generali mhux korretta w preciza bhala fatt.**

**Ikkonsidrat;**

**Pero' bhala punt ta' ligi ma hemmx dubju li l-Avukat Generali ghandu ragun. Jekk lill-Ewwel Qorti ma rrizultalhiex li kien hemm xi offiza li taqa' taht xi wahda mill-ipotesijiet prospettati fl-artikolu 218 , ma kellhiex tieqaf hemm, imma kellha tindaga w tiddeciedi jekk fil-fatt irrizultatx xi offiza li taqa' taht l-ipotesijiet prospettati fl-artikolu 216 u anki hawn, jekk dan ma kienx il-kaz, kellha tindaga ulterjorment jekk kienetx tirrizulta xi offiza ta' natura hafifa taht l-artikolu 221 u dana bhala reat kompriz u involut fir-reat aktar gravi kontemplat fl-artikolu 218. Dan partikolarment meta kienet gja esprimiet ruha u ddecidiet fis-sentenza appellata li l-appellat kien "***<u>*hebb, attakka u kkaguna ferita fuq il-persuna tal-mara tieghu Censina Borg.*</u>*"* **kif fuq citat.**

**Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att ta' l-**

**akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha. (Ara. App. Krim.** "Il-Pulizija vs. omissis u Carmelo Agius**" [24.5.2002],** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Camileri et" **[23.11.2001]** "Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et" **[20.3.2003] ,** "Il-Pulizija vs. Michael Carter**" [7.12.2001] u ohrajn.)**

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tindaga jekk fil-fatt irrizultax xi reat kompriz w involut qabel ma tillibera ghal kollox lill-appellat kif ghamlet. Dan aktar u aktar meta kienet gja esprimiet ruha li l-appellat kien wettaq xi forma ta' offiza fuq martu Censina Borg tant li, gustament, iccensuratu bil-qawwa kollha .

**Ikkonsidrat;**

**Illi stabilit dan il-punt, din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, u anki wara li semghet ix-xhieda ta' Censina Borg u ratha "*de visu*" , partikolarment in vista' tal-allegat sfregju, ghaddiet biex tikkonsidra jekk fil-fatt mill-atti jirrizultax xi reat kompriz u involut kif fuq intqal.**

**Illi mix-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti minn Censina Borg jirrizulta s-segwenti :- Din bdiet biex tghid li issa ghaddhielha, ma ghandha mkien u m' ghandhiex marki . Pressata mill-Qorti biex tghid fejn wegghet umbaghad xehdet li kellha gidma fuq widnejha tal-lemin w fuq imnieherha w qalet ukoll li l-appellat b' subghajh beda jipprova jaqlalha ghajnejha tal-lemin. L-isptar kienet damet saghtejn. Ma tafx kemm damet biex fieqet, xi gimgha tahseb. Imnieherha kien baqa' jughaghha u wara xi sitt xhur operawha. Il-qarquca ta' imnieherha kienet miksura. Wara li operawha baqghet kif inhi llum. Fl-operazzjoni**

**kienu rrangawlha l-qarquca ta' mnieherha. Illum ma ghadha thoss xejn.**

**In kontroezami xehdet li l-qarquca taqghad wahedha. Ma tafx jekk l-operazzjoni fuq imnieherha kellhiex x' taqsam mall-incident. It-tabib kien ghamillha appuntament biex jirrangalha mnieherha ghax kellha ghadma kbira u riedet tirrangah. Meta l-appellat kien gidimulha kellha qasma u hargilha naqra zghira. In-nefha li ghandha llum kienet rizultat tal-operazzjoni li saritilha u skond Censina Borg bil-fors tibqa' marka. Il-gidma hadet xi numru ta' granet biex fieqet. Ma operawhiex minnhabba l-gidma. Kienet baqghet qiesha marka minn fejn kien hargilha d-demm u hi staqsiet lit-tabib setghetx taghmel operazzjoni u dan qalilha li iva imma jkollha tistenna xi sitt xhur. Imma l-operazzjoni ma kellhiex x' taqsam mall-ferita tal-gidma kawzata fl-incident. Ghal mistoqsija tal-Qorti jekk l-aktar li kien hemm kienetx ferita ta' natura hafifa, Censina Borg wiegbet : "Ezatt." Rikjamata biex tispjega kemm damu jidhru l-feriti li kellha fuq wicca, umbaghad Censina Borg bdiet tilsen mall-Qorti u baqghet ma wegbitx.**

**Illi f' dan l-istat tal-provi, u konsidrat dak li xehdu t-tobba quddiem l-Ewwel Qorti, jidher li kull ma seta' jirrizulta quddiem l-Ewwel Qorti kien ir-reat kompriz w involut ta' ferita ta' natura hafifa skond l-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex ma rrizultax sfregju skond l-artikolu 216 u lanqas offiza gravi per durata li huma l-unici zewg ipotesijiet li qatt setghu jirrizultaw fic-cirkostanzi mid-diversi ipotesijiet l-ohra kontemplati f' dan l-artikolu. Di fatti ma jirrizultax li l-operazzjoni fuq imnieher Censina Borg kienet relatata mall-ferita rizultanti mill-gidma li ghamillha l-appellat. Anzi mix-xhieda taghha dan gie eskluz u qalet li dan l-intervent kien dovut biss ghax-xewqa taghha li taghmel intervent kirurgiku ta' natura kozmetiku w xejn izjed. Il-marka li tidher li halliet din l-operazzjoni ukoll ma jidhirx li hi relatata mall-incident izda hi rizultat tal-istess operazzjoni kozmetika li Censina Borg ghazlet li taghmel. Umbaghad l-Avukat Generali**

**stess ivverbalizza li ma tirrizultax il-ferita "*gravissima"* kontemplata fl-artikolu 218.**

**Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jista' jintlaqa' biss in kwantu l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellat hati ta' offiza ta' natura hafifa skond l-artikilu 221 tal-Kodici Kriminali, offiza li indubbjament tirrizulta abbondantement pruvata mill-atti w li din il-Qorti tista' dejjem issib htija taghha stante li l-offiza ta' natura hafifa hu reat kompriz u involut kemm fir-reat kontemplat fl-artikolu 218 kif ukoll fl-artikolu 216, invokat mill-appellant Avukat Generali.**

**Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata w minnflok, issib lill-appellat hati talli f' Santa Venera, fil-31 ta' Mejju, 2001 , ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar, ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Censina Borg kif ukoll li hu recidiv b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta' Marzu, 1998, u , wara li rat l-artikoli 214, 215, 221 (1), 49 , 50, 11 (1) u (3) u 467 tal-Kodici Kriminali, u wara li qieset il-fedina penali tal-appellat, tikkundannah ghal multa ta' tlitt mitt lira Maltin (LM300) li jekk ma jithallsux fi zmien gimgha mill-lum, jigu konvertiti fi prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull hames liri (LM5) ghal sittin (60) jum prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------